MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2008

Citazzjoni Numru. 69/2008

Anthony Hili

Vs

Kevin John Zammit

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramenta prezentat fl-1 ta’ Lulju 2008 li permezz tieghu l-attur talab li l-konvenut jigi kundannat ihallas is-somma ta’ mija u erbgha u sittin elf sitt mija u wiehed euro u sebghin centezmu (€164,601.70) hlas dovut ghal self li nghata lill-konvenut u li baqa’ ma thallasx. Dawn il-proceduri saru permezz tal-procediment specjali sommarja (Art. 167 tal-Kap. 12). L-attur ippremetta li d-dejn hu cert, likwidu u dovut u li l-konvenut m’ghandux eccezzjonijiet x’jaghti ghat-talbiet li qeghdin isiru u ghalhekk il-qorti ghandha tipprocedi ghas-sentenza bid-dispensa tas-smiegh.

Fis-seduta tas-17 ta' Ottubru 2008 (fol. 55) il-konvenut xehed u spjega ghal liema raguni jrid li jinghata permess sabiex jiddefendi ruhu f'dan il-procediment.

Permezz ta' nota prezentata waqt is-seduta tal-31 ta' Ottubru 2008 l-attur irriduca t-talba ghas-somma ta' mija u tlieta u erbghin elf sebgha mija u ghoxrin euro (€143,720).

Permezz ta' nota prezentata waqt l-istess seduta l-konvenut ammetta t-talba kif ridotta.

Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tilqa' t-talbiet ta' l-attur kif ridotta bin-nota prezentata llum u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' mija u tlieta u erbghin elf sebgha mija u ghoxrin euro (€143,720).

Spejjez kif mitluba kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------